Huwa maħsub li s-sejħa obbligatorja li titlob biex jintbagħtu l-Espressjonijiet ta' Interess jinħarġu mhux aktar tard minn l-aħħar ta' Ġunju 2005.

Is-6 ta' Mejju, 2005

The relative Prior Information Document that gives the necessary basic information relating to the Project in anticipation of the mandatory call requesting interested parties to submit their Expression of Interest in order to be considered for short-listing and thus becoming eligible to be invited by the Client to submit a Project Proposal for undertaking the envisaged Devlopment may be obtained upon request from the Ministry for Urban Development and Roads, House of the Four Winds, Hastings Gardens, Valletta CMR 02, Malta, on telephone No. 22985 203, fax No. 22985 223.

It is envisaged that the mandatory call requesting the submission of Expressions of Interest will be issued not later than the end of June 2005.

6th May, 2005

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Ġunju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqa u mmarkati bin-numru ta' l-offerta fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. KLH/TDR/01/2005. Servizz ta' manutenzjoni tat-tabelli tat-traffiku u sinjali fit-toroq.

Avviż Nru. KLH/TDR/02/2005. Servizz ta' tindif, manutenzjoni u attendenza ta' latrini pubbliċi.

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' Ġunju 2005, jintlaqgħu offerti magħluqa u mmarkati bin-numru ta' l-offerta fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. KLH/TDR/03/2005. Servizz ta' xogħlijiet ta' traqqigħ tat-toroq.

Kopja tad-dokumenti ta' l-offerta jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħamrun, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju mal-ħlas ta' Lm20.

L-offerti mibgħuta jinfetħu minnufih wara l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-6 ta' Mejju, 2005

HAMRUN LOCAL COUNCIL

The Hamrun Local Council notifies that:-

Completed and sealed documents marked with Tender number are to be deposited in the tender box at the Council's Administrative Office by not later than noon of Tuesday, 14th June 2005 for:-

Advt. No. KLH/TDR/01/2005. Services of maintenance of traffic signs and road markings.

Advt. No. KLH/TDR/02/2005. Services of cleaning, upkeep and attendance of public conveniences.

Completed and sealed documents marked with Tender number are to be deposited in the tender box at the Council's Office by not later than noon of Monday, 20th June 2005 for:-

Advt. No. KLH/TDR/03/2005. Services of road patching works.

A copy of tender documents may be obtained from the Hamrun Local Council offices, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, Hamrun, during office hours against a fee of Lm20.

Tenders will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender submitted, even the most advantageous.

6th May, 2005

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Jintlaqgħu offerti magħluqin bir-riferenzi relevanti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Mejju 2005, għal:

Avviż Nru.SGNLC/T/007/05. Tindif u għassa ta' latrini pubbliċi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.

Avviż Nru. SGNLC/T/008/05. Servizz ta' *Contract Manager*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.

Id-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill bil-ħlas kif jidher hawn fuq.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta anke l-iktar offerta vantaġġjuża.

Is-6 ta' Mejju, 2005

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

Sealed tenders marked with relevant references are to be deposited at the Council's Administrative Office, by not later than noon of Friday, 20th May 2005, for:

Advt. No. SGNLC/T/007/05. Cleaning and attendance of public convenience.

A fee of Lm5 is to be paid.

Advt. No. SGNLC/T/008/05. Service of Contract Manager.

A fee of Lm5 is to be paid.

The relevant documents may be obtained from the Council's Administrative Office against the payment shown above.

Tenders submitted will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

6th May, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

922

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Mejju 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Oliver Aquilina u l-istess Oliver Aquilina ta' 36, Market Street, Floriana, ippreżentaw Talba fid-9 ta' Jannar 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christopher Demicoli ta' 103A, Triq il-Vittorja, il-Ħamrun, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u tmienja u sittin lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm368.71) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi in konnessjoni ma' inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta' Marzu 2003 fil-Marsa.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 31/04JB) hija differita għas-16 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 4 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 31st May 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Citadel Insurance p.l.c. (C21550), as subbrogated in the rights of her insured Oliver Aquilina and the same Oliver Aquilina of 36, Market Street, Floriana, filed a claim on the 9th January 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Christopher Demicoli of 103A, Triq il-Vittorja, Ħamrun, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and sixty eight Maltese liri and seventy one cents (Lm368.71) which amount is due to the plaintiff company in connection with a collision which happened on the 7th of March 2003 in Marsa.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 31/04JB) is put off to the 16th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 4th May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

923

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Diċembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 19 ta' Diċembru 2003, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. vs Ta' Ġanni Company Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Diċembru 2003, lil Ta' Ġanni Company Limited, 15, Sacred Heart Avenue, San Ġiljan STJ 16, is-soċjetà Kummerċjali Maltacom p.l.c. ta' Telgħet Spencer, il-Marsa, interpellat lil intimati sabiex fi żmien jumejn iħallsu s-somma ta' Lm223.05 (mitejn, tlieta u għoxrin lira Maltija u ħames ċenteżmi) ammont dovut lill-istess soċjetà in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21240932.

Fin-nuqqas li tagħmlu dak mitlub minnkom fi żmien lilkom mogħti se jkollhom jittieħdu proċeduri kontra tagħkom, mingħajr ma jingħata avviż ieħor.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi ppreżentata ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili.

Tant biex tagħrfu timxu u biex jiġu evitati spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 17th December 2004, in the records of the judicial letter dated 19th December 2003, in the names Maltacom p.l.c. vs Ta' Ġanni Company Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 19th December 2003, against Ta' Ġanni Company Limited, 15, Sacred Heart Avenue, St Julians STJ 16, the commercial company Maltacom p.l.c. of Spencer Hill, Marsa called upon the respondents so that within two days they pay the sum of Lm223.05 (two hundred and twenty three Maltese liri and five cents) amount due to the same company in connection with telephone service number 21240932.

Failing to do what is required of you within the time given to you, further steps will be taken against you without prior notice.

This judicial letter is being filed in terms of Article 2128 of the Civil Code.

So much so that you may know how to proceed and avoid useless expenses.

With costs and legal interests.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 2nd May 2005.

ADV. DR FRANK PORELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

924

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' April 2004, fl-atti tar-Rikors Numru 25/04, fl-ismijiet Rita Pace Gatt vs Gioacchino Pace, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Marzu 2004, fl-ismijiet Rita Pace Gatt vs Gioacchino Pace, ir-rikorrenti Rita Pace Gatt, talbet li tkun ammessa għall-benefiċċju gratuwitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat sabiex jiġi stabbilit il-mateniment tal-minuri Matthew Pace u l-intimat jiġi kkundannat li jħallas tali manteniment.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of decree given on the 21st April 2004, in the records of the Application Number 25/04, in the names Rita Pace Gatt vs Gioacchino Pace, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Civil Court First Hall, on the 5th March 2004, in the names Rita Pace Gatt vs Gioacchino Pace, the applicant Rita Pace Gatt, prayed that she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent in order that the maintenance of the minor Matthew Pace be established and the respondent be condemned to pay this maintenance.

Rikorrenti: 58 , Fuq Verdala, Bormla.

Intimat: 61, St. Lorenzo Street, Bormla.

Għarraf lil Gioacchino Pace illi Rita Pace Gatt ippreżentat rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil, dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali
Illum 24 ta' Frar 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 58, Verdala Neighbourhood, Cospicua.

Respondent: 61, St. Lorenzo Street, Cospicua.

You are to inform Gioacchino Pace that Rita Pace Gatt filed an application in the First Hall Civil Court in order that she be allowed to proceed with the benefit of Legal Aid and warn him so that within four days from when he receives this deed, he informs the undersigned why the demand contained in the application should not be upheld as stipulated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid
Today 24th February 2004.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

925

Ikun jaf illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Settembru 2004, fl-atti tar-rikors numru 168/04, fl-ismijiet Doris mart Joseph Baldacchino vs Joseph Baldacchino, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-6 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet Doris mart Joseph Baldacchino vs Joseph Baldacchino, ir-rikorrenti Doris Baldacchino talbet;

Li tkun ammessa għall-benefiċċju gratuwitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat għall-manteniment tagħha;

Rikorrenti: 49, Oratory Street, Bormla.

Intimat: 49, Oratory Street, Bormla.

Għarraf lil Joseph Baldacchino illi Doris Baldacchino ippreżentat rikors fil Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali, u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa, kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali,
Il-Qorti, Valletta.

Illum 2 ta' Settembru 2004.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 2 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 28th September 2004, in the records of the application number 168/04 , in the names Doris wife of Joseph Baldacchino vs Joseph Baldacchino, ordered the following application for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application, filed in the Civil Court on the 6th September 2004, in the names Doris wife of Joseph Baldacchino vs Joseph Baldacchino, the applicant Doris Baldacchino prayed;

That she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent for her maintenance;

Applicant: 49, Oratory Street, Cospicua.

Respondent: 49, Oratory Street, Cospicua.

You are to inform Joseph Baldacchino that Doris Baldacchino filed an application in the First Hall Civil Court in order to be allowed to proceed with the benefit of Legal Aid, and inform him so that within four days from when he receives this act, he inform the undersigned why the demand brought forward in the application should not be upheld as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid,
The Law Courts, Valletta.

Today 2nd September 2004.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

926

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Diċembru 2004 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Image Systems Ltd (C4052) ta' 11/11, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta VLT 08, ippreżentaw Talba fit-12 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Euro Canadian Electronics Ltd (C24711) ta' Hi Tech House, 1st Floor, 18, Triq il-Mina ta' Hompesch, Ħaż-Żabbar ŻBR 07, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u għoxrin lira Maltija (Lm820) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 214/04PM) hija differita għall-11 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 15th December 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Image Systems Ltd (C4052) of 11/11, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta, filed a Claim on the 12th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Euro Canadian Electronis Ltd (C24711) of Hi Tech House, 1st Floor, 18, Triq il-Mina ta' Hompesch, Żabbar ŻBR 07, to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and twenty Maltese liri (Lm820) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 214/04PM) is put off to the 11th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

927

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-22 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jacqueline Cassar (ID 308571M) ta' Rohobine's Rose, Triq Dun Manwel Grima (il-Manikata), il-Mellieħa tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u erbgħin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm740.75) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 511/054JR) hija differita għall-11 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 13th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 22nd February 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Jacqueline Cassar (ID 308571M) of Rohobine's Rose, Triq Dun Manwel Grima, (Il-Manikata), Mellieħa to pay the plaintiff company the sum of seven hundred and forty Maltese liri and seventy five cents (Lm740.75) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 511/054JR) is put off on the 11th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

928

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-24 ta' Settembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Anton Gatt, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Mejju 2004, lil Gatt Anton, 42, Triq id-Disgħa ta' April, Ħal Luqa, is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ta' 116, Archbishop Street, Valletta, interpellat lil intimat sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somom ta':

Seba' mija tlieta u sebgħin Lira Maltija u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm773.98), oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnek dovuti fuq "Flexi Credit Account" bin-numru 050-031772-300.

Elfejn mija tnejn u sebgħin Lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm2,172.10) oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnek dovuti fuq "Flexi Credit Account" bin-numru 05-031772-301.

Mitejn u tmienja u ħamsin Lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm258.67), oltre l-imgħaxijiet legali fis-sena mid-data tal-preżenti ittra sad-data tal-pagament effettiv minnek dovuti fuq "Visa Card Account" bin-numru 4568 8250 4039 7126 liema kont ġie rinumerat 050-031772-340.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibili u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. Jekk tingħażel din it-triq inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad Nutar.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi l-preskrizjoni, u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 2 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th September 2004, in the records of the judicial letter in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Anton Gatt, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 31st May 2004, against Gatt Anton, 42, Ninth April Street, Luqa, the company HSBC Bank Malta p.l.c. of 116, Archbishop Street, Valletta, called upon the respondent so that within two days she pays the sums of:

Seven hundred and seventy three Maltese Liri and ninety eight cents (Lm773.98) besides legal interests per annum from the date of the present letter till the date of effective payment due by you on "Flexi Credit Account" bearing number 050-031772-300.

Two thousand one hundred and seventy two Maltese liri and ten cents (Lm2,172.10) besides legal interest per annum from the date of the present letter till the date of effective payment due on "Flexi Credit Account" bearing number 05-031772-301.

Two hundred and fifty eight Maltese Liri and sixty seven cents (Lm258.67), besides legal interests per annum from the date of the present letter till the date of effective payment due on "Visa Card Account" bearing number 4568 8250 4039 7126, which account was numbered 050-031772-340.

In order to avoid unnecessary Court expenses if the payment of the debt within the time above indicated is not possible and you require more time for payment by monthly instalments, you can admit your debt with the Bank by means of a notarial deed. If you choose this option you are asked so that within fifteen days you inform the Bank and appoint a Notary.

This letter serves to interrupt prescription, and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

Failing which Court action will be taken against you without prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 2nd May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil, Courts and Tribunals

929

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar 2005, fl-atti tar-rikors Numru 209/04, fl-ismijiet Josephine Farrugia vs George Debrincat ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 2004, fl-ismijiet Josephine Farrugia vs George Debrincat, ir-rikorrenti Josephine Farrugia,

Talbet li tkun ammessa għall-benefiċċju gratuwitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat sabiex iħallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) oltre l-imgħax legali fuq self li kien għamel fis-sena 2002.

Rikorrenti: Dar Qalb ta' Ġesù, Cini Institute, 495, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta. Venera.

Intimat: Salvatur Flats, Triq il-Luzzu, Marsalforn, Għawdex.

Għarraf lil George De Brincat illi Josephine Farrugia ppreżentat rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa, kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuana Legali,
Il-Qorti, Valletta.

Illum, 3 ta' Novembru 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 27th January 2005, in the records of the application Number 209/04, in the names Josephine Farrugia vs George Debrincat ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 4th November 2004, in the names Josephine Farrugia vs George Debrincat, the applicant Josephine Farrugia,

Prayed that she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent in order to pay the sum of one thousand Maltese liri (Lm1,000) besides legal interest on a loan he had taken in the year 2002.

Applicant: Sacred Heart of Jesus Church, Cini Institute, 495, St. Joseph Main Street, St. Venera.

Respondent: Salvatur Flats, Luzzu Street, Marsalforn, Gozo.

You are to inform George De Brincat that Josephine Farrugia filed an application in the First Hall Civil Court in order to be allowed to proceed with the benefit of Legal Aid and inform him so that within four days from when he receives this deed he informs the undersigned why the demand brought forward in the application should not be upheld, as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid
The Law Courts, Valletta.

Today 3rd November 2004.

Registry of the Superior Courts, today 2nd May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

930

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru 2004, fl-Atti tar-rikors Numru 220/04, fl-ismijiet Michelina armla ta' Carmelo Borg, Rose Borg u Joseph Borg kontra D.J.'s Construction Limited ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex iservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Novembru 2004, fl-ismijiet Michelina armla ta' Carmelo Borg, Rose Borg u Joseph Borg vs D.J.'s Construction Limited, ir-rikorrenti Michelina Borg et, talbu;

Li jkunu ammessi għall-benefiċċju gratuwitu ħalli jkunu jistgħu jipproċedu kontra s-soċjetà intimata sabiex din tirmedja għad-difetti li hemm fil-fond Numru 31, Nazarene Street, Tas-Sliema illi huma akkwistaw mingħand is-soċjetà intimata b'titolu ta' datio in solutum permezz ta' kuntratt tal-11 ta' Marzu 2002, fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi (kopja annessa bħala Dok. A) u dan kif jirriżulta minn ċertifikat ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Karl Borg (hawn anness bħala Dok. B).

Rikorrenti: 31, Nazarene Street, Sliema.

Soċjetà Intimata: Ontario Place, Triq il-Fidloqqom, ir-Rabat, Malta.

Għarraf lil D.J.'s Construction Limited illi Michelina Borg et ippreżentaw rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex jiġu mogħtija li jmexxu bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil, dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa kif jingħad fl-artikolu 911 ta' Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali
Il-Qorti, Valletta.

Illum, 23 ta' Novembru 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 2 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 16th December 2004, in the records of the application Number 220/04, in the names Michelina widow of Carmelo Borg, Rose Borg and Joseph Borg, against D.J.'s Construction Limited ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Civil Court First Hall on the 26th November 2004, in the names Michelina widow of Carmelo Borg, Rose Borg and Joseph Borg vs D. J. Construction Limited, the applicant Michelina Borg et prayed;

That they be admitted to the benefit of legal aid so that they may proceed against the respondent company so that it remedies the defects in the premises Number 31, Nazarene Street, Sliema that they acquired from the respondent company by title of datio in solutum by deed of the 11th March 2002, in the records of Notary Dr. Isabelle Gonzi (copy attached as Doc. A) and this as results from a certificate of Architect and Civil Engineer Karl Borg (hereby attached marked Doc. B).

Applicant: 31, Nazarene Street, Sliema.

Respondent Company: Ontario Place, Fidloqqom Street, Rabat, Malta.

You are to inform D.J.'s Construction Limited that Michelina Borg et filed an application in the First Hall Civil Court in order to be allowed to proceed with the benefit of Legal Aid and inform him so that within four days from when he receives this deed, he informs the undersigned why the demand contained in the application should not be upheld as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid
The Law Courts, Valletta.

Today, 23 November 2004.

Registry of the Superior Courts, today, 2nd May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

931

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

APS Bank Limited (C2192) ta' APS House, St Anne Square, il-Furjana, ippreżentaw Talba fid-9 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Cheryle Ogilvie (ID 354469M) u Gordon Cameron Ogilvie (Passaport numru 700227499) ta' Flat 7, Regional Court, Triq il-Punent, l-Imsida, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disa' mija u tlieta u ħamsin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm953.20) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2109/04PBC) hija differita għat-12 ta' Mejju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 7th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

APS Bank Limited (C2192) of APS House, St Anne Square, Floriana, filed a Claim on the 9th November 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Cheryle Ogilvie (ID 354469M) and Gordon Cameron Ogilvie (Passport Number 700227499) of Flat 7, Regional Court, Triq il-Punent, Msida, to pay the plaintiff company the sum of nine hundred and fifty three Maltese liri and twenty cents (Lm953.20) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2109/04PBC) is put off to the 12th May 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

932

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-4 ta' Ġunju 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Charles Grech & Co Ltd (C2473), ippreżentaw Talba fl-4 ta' Diċembru 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Adrian Busietta (ID 94835M) f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà Busietta Gardens Madliena Limited (C11116) ta' 7, Diamond Square, Busietta Gardens, Madliena, in-Naxxar, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsin lira Maltija u tnax-il ċenteżmu (Lm550.12) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2412/03PBC) hija differita għat-30 ta' Ġunju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 4th June 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Charles Grech & Co Ltd of Triq il-Wied, Birkirkara BKR 13 filed a Claim on the 4th December 2003, whereby they asked the Tribunal to condemn Adrian Busietta (ID 94835M) in his own name and in the name of the company Busietta Gardens Madliena Limited (C11116) of 7, Diamond Square, Busietta Gardens, Madliena, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and fifty Maltese liri and twelve cents (Lm550.12) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2412/03PBC) is put off on the 30th June 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

933

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-18 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Philip Zammit (ID 82673M) ta' Redemptor, Triq Dun Miju Zarb, Ħaż-Żebbuġ iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm183.97) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 493/05JR) hija differita għall-11 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 13th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 18th February 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Philip Zammit (ID 82673M) of Redemptor, Triq Dun Miju Zarb, Żebbuġ to pay the plaintiff company the sum of one hundred and eighty three Maltese liri and ninty seven cents (Lm183.97) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 493/05JR) is put off on the 11th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

934

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Marzu 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Montaldo Insurance Agency Limited, bħala aġenti u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tiegħu Ronald Agius u l-istess Ronald Agius ta' 98/2, Melita Street, Valletta ppreżentaw talba fl-20 ta' Awissu 2003, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Victor Sladden ta' 69, Triq iż-Żewġ Mini, l-Isla, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u erba' mitt lira Maltija (Lm3,400) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi in konnessjoni ma' inċident awtomobilistiku li ġara fis-27 ta' Marzu 2002 fil-Furjana.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 410/03DM) hija differita għat-13 ta' Mejju 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Mejju 2005

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 28th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Montaldo Insurance Agency Limited, as agents and in rappresentation of the foreign society American Home Assurance Company, as subbrogated in the rights of her insured Ronald Agius and the same Ronald Agius of 98/2, Melita Street, Valletta, filed a Claim on the 20th August 2003, whereby they asked the Court to condemn Victor Sladden of 69, Triq iż-Żewġ Mini, Senglea, to pay the plaintiff company the sum of three thousand four hundred Maltese liri (Lm3,400) which amount is due to the plaintiff company in connection with a collision which happened on the 27th March 2002 in Floriana.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 410/03DM) is put off to the 13th May 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

935

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' April 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Numru 235/05 GCD, fl-ismijiet Charles Darmanin & Co. Ltd versus Jesmond Sant, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Charles Darmanin & Company Limited (C 2271) ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Marzu 2005, kontra Jesmond Sant, eżerċitanti fil-Kummerċ u ġestitur tan-negozju 'Save & Smile', 146, Triq it-Tama, il-Mosta, fejn talbu l-konvenut għaliex għar-raġunijiet premessi;

M'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tal-kawża u dana a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta); u

M'għandux jiġi kkundannat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmint elef ħames mija erbgħa u disgħin lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu (Lm8,594.15) bħala prezz ta' diversi merċi mibjugħa u kkonsenjati lilu, skond l-annessi prospett (Dokument A) datat it-28 ta' Jannar 2005, rilaxxjati mis-soċjetà attriċi fir-rigward tas-Supermarket Save and Smile, Triq il-Pont, il-Mosta; kif ukoll l-imgħaxijiet kummerċjali sal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-Ittra Legali tal-25 ta' Ottubru 2004 u l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Jannar 2005, kontra l-konvenut li huwa, minn issa stess inġunt sabiex jidher għas-subizzjoni.

Konvenut: Jesmond Sant
146, Triq it-Tama,
Il-Mosta.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 17 ta' Marzu 2005, il-kawża Ċitazzjoni Numru 235/2005 GCD, fl-ismijiet Darmanin Charles and Company Limited C 2271 vs Sant Jesmond, ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ġimgħa 15 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

B'ordni tal-Qorti tal-15 ta' April 2005, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għat-Tlieta 14 ta' Ġunju 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum tlieta (3) ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th April 2005, in the records of the writ of Summons Number 235/05 GCD, in the names Charles Darmanin & Co. Ltd versus Jesmond Sant, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Charles Darmanin & Company Limited (C 2271) filed, a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 8th March 2005, against Jesmond Sant, in business and operator of the business 'Save & Smile', 146, Hope Street, Mosta, whereby they asked the defendant why for the reasons premised;

This Honourable Court should not pass to decide the demand without proceeding to a hearing of the cause and this in terms of Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta); and

He should not be condemned by this Honourable Court to pay the plaintiff company the sum of eight thousand five hundred and ninety four Maltese liri and fifteen cents (Lm8,594.15) as price of various merchandise sold and delivered to him, according to the attached prospect (Document A) dated 28th January 2005, released by the plaintiff company in favour of the Supermarket Save and Smile, Bridge Street, Mosta, as well as commercial interests till the effective payment.

With costs, including those of the Legal Letter of the 25th October 2004 and the judicial letter of the 12th January 2005, against the defendant who is from now summoned to appear so that a reference to his evidence be made.

Defendant: Jesmond Sant
146, Hope Street,
Mosta.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Thursday 17th March 2005, the cause Writ of Summons Number 235/2005 GCD, in the names Darmanin Charles and Company Limited C 2271 vs Sant Jesmond, was appointed for hearing on Friday 15th April 2005, at 9.00 a.m.

By order of the Court of the 15th April 2005, the cause above mentioned was put off to Tuesday 14th June 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today third (3) May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

936

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-7 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Wave Computer Company Ltd (C25094) ta' Clarence, Apartment 1, Graham Street, Tas-Sliema tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm374.43) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 410/05PM) hija differita għas-16 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 11th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 7th February 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Wave Computer Company Ltd (C25094) of Clarence, Apartment 1, Graham Street, Sliema to pay the plaintiff company the sum of three hundred and seventy four Maltese liri and forty three cents (Lm374.43) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 410/05PM) is put off on the 16th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

937

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-4 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-2 ta' Diċembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mario D'Amato ta' Casa D'Amato, Tar-Ramel, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u disgħa u disgħin lira Maltija u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm199.83) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 2289/04PM) hija differita għas-16 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 4th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 2nd December 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Mario D'Amato of Casa D'Amato, Tar-Ramel, l/o Żebbuġ to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ninty nine Maltese liri and eighty three cents (Lm199.83) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2289/04PM) is put off on the 16th May 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd May 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

938

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' April 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Novembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jesmond Ciantar ta' 32, Sqaq Numru 3, Triq l-Inkurunazzjoni, Ħaż-Żabbar, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sitta u erbgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm146.32) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 2258/04 JB) hija differita għas-16 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta,) illum 3 ta' Mejju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 18th April 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

